KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**Laqgħa Nru.** 22/2016(18_08_16)

Data: 18 ta' Awwissu 2016

Ħin: 5.30 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti: **Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku
**Is-Sur Damien Spiteri** - Kunsillier
**Is-Sinjorina Sonja Abela** - Kunsillier

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: **Is-Sur Robert Mallia** - Viċi Sindku
**Is-Sur Paul Curmi** - Kunsillier

Assenti: **Is-Sinjorina Maria Masini** - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Is-Sur Robert Mallia avża li ma jistax jattendi għax kien ser ikun xogħol.
Is-Sur Paul Curmi avża li ser jittardja iżda ma laħħaqx jiġi għal-laqgħa.

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti;
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
9. Aġġornament.

**1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

**2. Punti mqajma mill-Minuti**

**2.01** Ma kienx hemm punti mqajma mill-Minuti.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

**3.01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li x-xogħlijiet fix-Xlendi huma wieqfa ħlief xi manutenzjoni li jkun hemm bżonn li ssir urġenti.

**3.02** Hija attendiet għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex fejn ġiet diskussa l-problema tal-imwejjed u siġġijiet u tinet tal-istabbilimenti tax-Xlendi. Kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex, Uffiċjali mill-Malta Tourism Authority u mil-Lands Department. Is-sidien ġew ordnati li jirregolaw is-sitwazzjoni tagħhom sa April 2017.

**3.03** Il-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex iffirmaw ftehim sabiex il-Ministeru jikkontribwixxi s-somma ta' €1,000 sabiex tkun tista' ssir il-Fjakkolata kull nhar ta' Sibt mis-6 ta' Awwissu 2016 sal-10 ta' Settembru 2016. Il-membri tal-Kumitat ilmentaw li l-ammont ta' fjakkoli li qed jitpoġġew fuq il-blat dejjem qed jonqos. Il-Kumitat ser jiġbed l-attenzjoni dwar dan.

**3.04** Bħalissa qed jitqassmu r-reċipjenti u boroż sabiex il-lokalità tkun ippreparata għal meta ser jidħol fis-seħħ il-ġbir ta' skart organiku. Il-ġurnata ser tkun it-30 ta' Settembru 2016.

**4. Korrispondenza**

**4.01** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 10/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Tagħrif fuq Inizjattivi dwar Faċilitajiet ta' Parkeġġ fil-Lokalitajiet'.

**4.02** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 11/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja – Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità (l-Aħħar Sejħa)'.

**4.03** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 12/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Petizzjonijiet dwar Kontravenzjonijiet'.

**4.04** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 13/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skart tal-*WEEE* trasferit fis-*Civic Amenity Sites'*.

**4.05** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 14/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Procurement Policy Notes'*.

**4.06** Il-Kunsill irċieva *e-mails* mingħand il-MEUSAC u mingħand Adi Associates rigward stedina għall-*meeting* fejn ser tiġi diskussa l-'Local Development Strategy for Gozo', bħala parti mil-LEADER *initiative* għall-perjodu 2014-2020.

**4.07** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permessi ta' żvilupp PA/04257/16 fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar u PA/04429/16 fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi.

**4.08** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Society of Arts rigward 'Applications for Winter Courses now open at Malta Society of Arts'.

**4.09** Il-Kunsill irċieva Newsletter 3 – July, 2016 maħruġa mill-Europe Direct Information Centre – Central Region.

**4.10** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Proposti għall-Baġit 2017'.

**4.11** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Cirk 43/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'AC4ACP Meeting', bejn il-21 u l-24 ta' Settembru 2016, fil-Portugall.

**4.12** Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tad-59 laqgħa tal-11 ta' Awwissu 2016 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numri: 42 u 43 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 u 58 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

**4.13** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward il-permess PA/04286/16 fi Triq Żgħawri, Il-Munxar u PA/04496/16 Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi.

**4.14** Il-Kunsill irċieva *poster* mingħand l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol rigward il-programm 'Aqra Miegħi'.

**4.15** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fondazzjoni Valletta 2018 bis-suġġett 'Tnedija ta' Pubblikazzjoni Ġdida mill-Fondazzjoni Valletta 2018', rigward il-ktieb bl-isem 'On Culture: Mapping Valletta 2018'.

**4.16** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex rigward il-'Wirja Biedja u Snajja – 14 u 15 ta' Awwissu 2016'.

**4.17** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Collaboration with the Association of The Most Beautiful Villages of Italy (I Borghi Piu Belli d'Italia)', fejn qed titwassal ittra u dokumenti relatati max-xogħol ta' din l-organizzazzjoni.

**4.18** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Vigarju Episkopali għad-Djakonija rigward l-attività organizzata għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani.

**4.19** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand erba' edukaturi rigward 'Premises for Child

Care Centre'.

## 5. Ilmenti

**5.01** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li bagħtet ritratt ta' skart li hemm bejn is-siġar tal-bruk fit-tarf ta' Triq San Xmun. Dan l-ilment ġie rreferut lit-Taqsima Indafa Pubblika.

**5.02** Il-Kunsill irċieva mingħand id-Diviżjoni tal-*Funding* dwar il-bilanċ tal-UIF tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-bilanċ għall-Kunsill Lokali Il-Munxar huwa ta' €26,926.63. Ser isir xogħol fuq ix-*shelter* tal-Pjazza tal-Knisja u l-Perit William Lewis qed jaħdem sabiex jipprepara l-*Bill of Quantities*.

Il-bilanċ għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi huwa ta' €30,431.14. Fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi Nru KAX 28/2016 tas-17 ta' Awwissu 2016, il-Kumitat irrimarka li ż-żewġ lanterni li nbidlu u qed jużaw lampi LED intlaqgħu tajjeb u jista' jipproċedi billi joħroġ l-offerti u napplikaw għall-fondi tal-UIF.

**5.03** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Bird Life Malta rigward il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija. Huma qed jitolbu permess sabiex titwaħħal tabella b'informazzjoni dwar it-tajra 'Il-Garnija'. Huma qed jitolbu wkoll *logo* tal-Kunsill sabiex jiġi inkluż fit-tabella. Kien hemm qbil dwar dan.

**5.04** Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid tal-proprjetà numru 85 fi Triq il-Munxar, Il-Munxar. Din il-persuna qed titlob sabiex parti tal-bankina li tiġi quddiem bieb ta' *garage* ssir rampa sabiex tkun tista' tidħol vettura fil-*garage*. Il-Kunsill ser jipprova jirranġa l-bankina iżda ma huwiex ser jippermetti li r-rampa toħroġ 'il barra mill-kurduna u jekk il-karozza tiġi tħokk mar-rampa, il-Kunsill ma huwiex responsabbli.

**5.05** Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 2/2016 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Komunikazzjoni Effiċjenti minn u mad-Dipartiment'. F'din id-direttiva hemm tibdil meħtieġ ħalli tinbena strateġija ta' komunikazzjoni li l-għan tagħha jkun sistema iktar effiċjenti mad-Dipartiment u li fl-istess waqt tissimplifika l-amministrazzjoni tal-komunikazzjoni elettronika u kif din l-istrateġija tiġi implimentata.

**5.06** Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 3/2016 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Arranġamenti Finanzjarji bejn il-LESA, il-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali'. Din id-direttiva tistabbilixxi direzzjoni għal kull min hu involut biex tinħoloq sistema iktar strutturata għal operat iktar effiċjenti. Hija titkellem dwar il-funzjonijiet tal-LESA, ġbir ta' ħlas minn kontravenzjonijiet u penali, flejjes mhux miġbura, ħlas mill-Aġenzija għal spejjeż amministrattivi tal-Kumitati Reġjonali u spejjeż oħra amministrattivi tal-Kumitati Reġjonali.

**5.07** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Ronald Bugeja rigward l-attività Gozo for ALS. Din l-attività ser issir fit-12 t'Awwissu 2016 fil-lokalità Ta' Sannat fejn ser jinġabru flus b'risq il-Fondazzjoni ALS fejn ser jattendi wkoll Bjorn Formosa. Peress li s-Sur Ronald Bugeja għandu awtorità minn Bjorn Formosa biex ta' kull sena tittella' serata ta' dan it-tip ġo kull raħal ta' Għawdex, huwa qed jistieden lill-Kunsilliera lokali t'Għawdex biex min hu mħajjar jilqa' dan l-avveniment Gozo for ALS għas-sajf li ġej għandu jiġi kkuntatjat sabiex issir laqgħa. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li jkun sew kieku l-Kunsill jitħajjar għal din l-attività, iżda fis-sajf ikun hemm attivitajiet oħrajn fix-Xlendi.

**5.08** Żewġ uffiċjali mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għadhom kemm ġew il-Kunsill u infurmawna li dak il-*fire hydrant* li kien hemm fil-Pjazza tal-Knisja tneħħa. L-uniku xogħol li sar fuq dik il-parti ta' fejn kien hemm il-*fire hydrant* hija l-bdil tal-*main* tal-ilma mill-Water Services Corporation xi sentejn jew tliet snin ilu. Il-Kunsill kiteb lill-Inġinier tal-Water Services Corporation u r-risposta tiegħu kienet li hu ma kienx jaf li kien hemm dan il-*fire hydrant.* Xogħol ġdid fuq pajpijiet ma għadux ikun imqabbad ma' *fire hydrants* peress li qatt ma sar manutenzjoni tagħhom. Dan minbarra l-fatt li l-Water Services Corporation hija responsabbli li tipprovdi ilma tajjeb għax-xorb bi pressjoni li ma hijiex suffiċjenti għal *fire hydrant*.

**5.09** Il-Kunsill irċieva kopja tal-kuntratt li ġie ffirmat mis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali sabiex titwaqqaf il-Gozo Action Group Foundation. Din il-fondazzjoni ġiet imwaqqfa bejn il-Kunsilli Għawdxin u l-NGO's Għawdxin.

**5.10** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ittra li l-avukat tal-Kunsill bagħtet lill-koppja Spiteri dwar it-talba għall-kumpens tal-ħsara li ġarbu fil-vettura tagħhom fix-Xlendi. Huma qed jintalbu jippreżentaw rapport tal-Pulizija u rċevuti fiskali.

**5.11** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Funding Section tal-UIF, Awtorità tal-Ippjanar fejn qed tinforma lill-Kunsill li dalwaqt ser isir il-ħlas tal-għamara tat-triq li saru fix-Xlendi iżda ma huwiex ser isir il-ħlas taż-żewġ bankijiet li tkaxkru l-baħar bil-maltemp.

**5.12** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qattgħet xi jiem ta' mistrieħ fix-Xlendi. Għalkemm din il-persuna faħħret il-post fejn kienet alloġġjata, iżda lmentat dwar imwejjed, siġġijiet u tined li qed jingumbraw il-passaġġi. Qed tilmenta wkoll rigward ir-ramel tax-xtajta li sparixxa. Riċentament saret spezzjoni mill-Malta Tourism Authority u l-Lands Department, u s-sidien li ma humiex armati skont il-permessi ntalbu jirregolaw l-affarijiet sa mhux aktar tard minn April 2017.

**5.13** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja ta' kuntratt li l-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex iffirmaw sabiex il-Ministeru jikkontribwixxi s-somma ta' €1,000 sabiex tkun tista' ssir il-Fjakkolata kull nhar ta' Sibt mis-6 ta' Awwissu 2016 sal-10 ta' Settembru 2016. Fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi Nru KAX 28/2016 tas-17 ta' Awwissu 2016, il-membri tal-Kumitat ilmentaw li l-ammont ta' fjakkoli li qed jitpoġġew fuq il-blat dejjem qed

jonqos u ġie deċiż li l-Kumitat jiġbed l-attenzjoni dwar dan.

**5.14** Il-Kunsill reġa' rċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi fejn qed jilmenta dwar trabijiet li qed itiru minn *area* li tintuża għall-*parking* tal-karozzi. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-art kienet qed tixxarrab ta' spiss u daqt jintefa' materjal oħxon fuq il-wiċċ.

## 6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv

**6.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mad-Direttur, Gvern Lokali rigward il-*working capital* hekk kif irriżulta fil-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2015. F'din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku u l-*Accountant* Daniel Galea. L-*Accountant* fisser li r-raġuni li l-*working capital* ġie bil-*minus* huwa peress li *grants* tal-fondi tal-EU jiġu kkalkulati bħala *liability*. Id-Direttur talab lill-Kunsill inaqqas l-ispejjeż għas-sena 2016 iżda l-Kunsill ma qabilx, l-aktar għar-raġuni li għas-sena 2016 il-pagi ser jiżdiedu b'madwar €15,000 għar-raġuni li ġie impjegat skrivan *full-time*.

**6.02** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li saret ordni lill-kuntrattur sabiex lampa numru 009-42 li qiegħda mwaħħla ma' faċċata ta' dar privata tinqala' u titwaħħal ma' arblu aktar 'il fuq fil-kantuniera tat-triq.

**6.03** Il-Kunsill irċieva mingħand il-Perit William Lewis fejn qed jipproponi li l-*bus shelter* ta' quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ssir fejn kien hemm ippjanat monument tal-Professur Ġużè Aquilina. Ġie deċiż li l-perit ser jintalab ikompli bil-proċess.

**6.04** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Ftehim ta' Ġir ta' Skart Riċiklabbli li ser isir mal-Green MT. Il-Kunsill kien diġà ddiskuta dwar id-dettall ta' dan il-ftehim u għaldaqstant ġie deċiż li jiġi ffirmat.

**6.05** Is-Segretarju Eżekuttiv talab approvazzjoni sabiex jinxtraw tlett ibnadar bil-*pole* magħhom sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-Kunsill fl-attività ta' Il-Munxar Day u attivitajiet simili. Jekk il-*luxury chromed aluminium pole* ser jinxtara fi tliet arbli separati se jiswew €690 u jekk ikun tliet *poles* ma' xulxin l-ammont ser ikun €418.90. It-tlett ibnadar ser jiswew €336. Ġie deċiż li tinġieb stima oħra.

**6.06** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħalissa huwa għaddej f'diskussjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-sigħat tal-*vacation leave* pendenti li jammontaw għall-288. Dawn jammontaw għal dan l-ammont għaliex fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2016 ma setax jieħu *vacation leave* għaliex f'dan il-perjodu kien qed jiftaħ il-Kunsill waħdu. Għandu wkoll 772 siegħa *time-off* li ħadem is-Sibtijiet bejn is-sena 2012 u 2016.

**6.07** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu kamra għall-arkivji. L-aħjar post li tista' ssir din il-kamra hija viċin l-uffiċċju amministrattiv fejn tista' tingħalaq parti mill-kaxxa tat-taraġ u toħroġ kamra sitt piedi b'sitt piedi. 'Il quddiem, il-*front office*

jinżel isfel sabiex il-pubbliku ma jkollux bżonn li jitla’ t-taraġ. Kien hemm qbil dwar dan.

7. **Approvazzjoni tal-Pagamenti**

**7.01** Il-Kunsill approva l-iskeda ta’ pagamenti numru 22/2016(18_08_16).

8. **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**8.01** Is-Sinjorina Sonja Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fid-daħla tal-Munxar fi Triq Ta’ Marżiena kantuniera ma’ Triq il-Profs. Ġużè Aquilina hemm bżonn li ssir *stop sign* għax il-karozzi qed jibqgħu ħerġin bi *speed* qawwi. Għalkemm diġà hemm *stop* mal-art, ġie deċiż li ssir tabella wkoll.

**8.02** Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-blat tal-Għar ta’ Karolina hemm ħafna skart x’jinġabar. Hemm ukoll il-bżonn li jitranġaw il-fanali tal-passaġġ għax huma mkissra. Huwa semma l-fatt li l-Kunsill ma jistax jixtri l-lasti tal-*football* lill-*Club* iżda appella sabiex il-Kunsill jgħin fejn jista’.

Staqsa wkoll fiex waslu l-preparamenti tal-Water Services Corporation sabiex jinbidel il-*main* tal-ilma ta’ Triq il-Munxar.

9. **Aġġornament**

**9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 29 ta’ Settembru 2016 fil-5.30 ta’ filgħaxija b’Aġenda li tkun ikkomunikata aktar ’il quddiem.

**9.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fis-7.25 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Carmen Said*** | ***Anthony Grech*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 29 ta’ Settembru 2016